5 ta' Diċembru, 1955

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani et.
*versus*
Maurice Mizzi

**Atti Ġudizzjarji — Ittra Uffiċjali — Kompetenza — Nullità — Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 792 (b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Ittra uffiċjali emananti minn Qorti li hija inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-meritu li għalih tirriferixxi dik l-ittra uffiċjali hija nulla u ta' ebda effett legali. Għaldaqstant, ittra uffiċjali li għandha tiġi diretta lill-intimat in konnessjoni ma' materja kummerċjali għandha tiġi preżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Kummerċ; u jekk tiġi preżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili, tkun qiesha ma saret qatt, ammennokkè l-leġislatur stess ma jirrikonoxxix lil dik l-ittra uffiċjali xi effett, bħal, per eżempju, fil-każ ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni, li tista' ssir anki permezz ta' att ġudizzjarju emananti minn Qorti inkompetenti.*

*Konsegwentement, jekk issir operazzjoni ta' natura kummerċjali, fejn jiġi stipulat li waħda mill-partijiet għandha tiddekadi mid-drittijiet naxxenti favur tagħha mill-konvenzjoni jekk tonqos mill-pattijiet kontrattwali, u tibqa' ma tosservahomx wara li tkun ġiet notifikata b'ittra uffiċjali li kellha ssir għal dan l-iskop skond il-ftehim biex tagħti lok għal dik id-dekadenza, ma tiddekadix mid-drittijiet tagħha jekk l-ittra uffiċjali kontra tagħha tiġi preżentata fil-Qorti Ċivili.*

*U f'każ simili mhux il-każ li dik il-parti, azzjonata biex tiġi dikjarata d-dekadenza tagħha, tiġi liberata "ab observantia", imma li tiġi liberata mid-domanda, billi tiġi respinta d-domanda għad-dekadenza mitluba.*

*Il-liġi ma tagħmelx distinzjoni bejn atti ġudizzjarji fis-sens strett u bejn atti ġudizzjarji f'sens lat, imma tikkontempla l-atti ġu-*

*dizzjarji kollha mingħajr ebda distinzjoni, u tikkolpixxi b'nullità dawk l-atti jekk ma jkunux ġew maħruġin mill-Qorti kompetenti; u l-fatt li att ġudizzjarju jiġi preżentat quddiem Qorti mhux biżżejjed biex jirradika l-kompetenza tagħha. Għaliex dak l-att jissupponi, u mhux jikkrea, il-kompetenza tal-Qorti li quddiemha jiġi preżentat.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-atturi, wara li ppremettew illi fl-atti tan-Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier tat-13 ta' Jannar, 1949 in-Nobbli Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, possessur tal-primoġenitura fondata in atti Benedetto Vassallo tas-7 ta' Mejju, 1714, ikkonċeda in enfitewsi perpetwa lil Edward Vincenti Kind porzjoni diviża mit-territorju "tal-Fawwara" fil-Gżira, Tas-Sliema, tal-kapaċità superfiċjali ta' qasab kwadri 115 u 21 ċentesimi ta' qasba kwadra, bi tliet qasab faċċata fuq Rue D'Argens, konsistenti f'żewġ siti tal-kapaċità...... konfinanti flimkien...... bl-obligu lill-enfitewta li jtalla benefikati edilizji fuq l-istess art tal-valur mhux inferjuri għas-somma ta' £2,000 fi żmien tliet snin mid-data ta' l-att, u bil-patt illi, f'każ ta' inosservanza tal-pattijiet konvenuti, fosthom dak rikordat tal-benefikati, il-konċedent ikollu d-dritt jitlob ix-xoljiment ta' l-enfitewsi wara l-iskadenza ta' xahrejn minn notifika ta' ittra uffiċjali da parti ta' l-istess konċedent; u illi b'att tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut tal-5 ta' Awissu, 1953, l-art fuq deskritta ġiet trasferita lill-konvenut; u illi l-benefikati fuq riferiti ma ġewx eretti kif kien ġie konvenut, non ostanti l-ittra uffiċjali għal dak l-iskop notifikata fil-5 ta' Novembru, 1954; talbu illi, għar-raġunijiet fuq mogħtija, tiġi dikjarata xjolta l-enfitewsi fuq imsemmija in atti Dottor Giorgio Borg Olivier tat-13 ta' Jannar, 1949; u konsegwentement li hemm lok għad-devoluzzjoni ta' l-art bil-benefikati favur tagħhom. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq imsemmija;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut, li biha dan irtira l-ewwel eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti, u bla preġudizzju ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra irrileva illi d-domanda hija insostenibbli, għar-raġuni illi l-interpellazzjo-

ni magħmula bl-ittra uffiċjali, li kopja tagħha qegħdha fil-fol. 16 tal-proċess, preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, hija nulla skond l-art. 792 (b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni relativa għan-nullità ta' l-ittra uffiċjali fuq riferita, bl-ispejjeż, u kwindi ġiet respinta d-domanda ta' l-attur billi tonqos l-interpellazzjoni meħtieġa skond il-patt numru 9 ta' l-att in atti Dr. Borg Olivier tat-13 ta' Jannar, 1949, peress illi l-imsemmija ittra uffiċjali, bħala att null, ma jista' jkollha ebda effett, u titqies bħal li kieku ma saret qatt; wara li kkunsidrat;

Illi, kif sewwa ġie espost fl-att taċ-ċitazzjoni, fil-kuntratt in atti Dr. Giorgio Borg Olivier tat-13 ta' Jannar, 1949, li in forza tiegħu n-Nobbli Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani kkonċeda l-art fuq indikata in enfitewsi perpetwa lin-Negozjant Edward Vincenti Kind, ġie stipulat il-patt illi, f'każ ta' innosservanza tal-pattijiet u tal-kondizzjoni illi l-enfitewta jtalla benefikati edilizji tal-valur mhux inferjuri għas-somma ta' £2,000, il-konċedent ikollu d-dritt li jitlob ix-xoljiment ta' l-enfitewsi u d-devoluzzjoni tal-fond enfitewtiku favur tiegħu, iżda wara l-iskadenza ta' xahrejn mill-jum li fih tkun ġiet notifikata lill-konċessjonarju l-ittra uffiċjali da parti tal-konċedent li tkun interpellatu għal dak l-oġġett (fol. 5);

Illi, wara li n-Negozjant Edward Vincenti Kind biegħ u ttrasferixxa, in atti Dr. Giuseppe Sammut tal-5 ta' Awissu, 1953, lill-konvenut il-garage bil-kumditajiet kollha tiegħu — "workshop bays and parking area" — formanti blokk wieħed, magħruf flimkien ma' l-artijiet adjaċenti, kompriża dik fuq menzjonata formanti l-oġġett tal-konċessjoni enfitewtika in atti Dr. Giorgio Borg Olivier tat-13 ta' Jannar, 1949, bħala "Kind Garages", bl-"equipment" tagħhom, mibni fuq siti fabbrikabbli ġa meħudin in enfitewsi perpetwa mingħand l-imsemmi Nobbli Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, kompriż is-sit meħud fl-imsemmijin atti tan-Nutar Borg Olivier, l-atturi, bl-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju, 1954, sejħu

lill-konvenut biex jagħmel il-benefikati mifthema fl-istess att tan-Nutar Borg Olivier tat-13 ta' Jannar, 1949;

Illi dina l-ittra uffiċjali ġiet preżentata fil-Qorti Ċivili Prim'Awla tal-Maestà Tagħha r-Reġina;

Illi l-konvenut jissottometti illi dik il-Qorti ma kienetx il-Qorti kompetenti li minnha kellu jemana l-att ġudizzjarju fuq imsemmi, u li dak l-att huwa kwindi null, bħala emananti minn Qorti inkompetenti, konformement għal dak li jingħad fid-dispożizzjoni fuq ċitata tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Illi Edward Vincenti Kind u l-konvenut kienu, u għadhom kummerċjanti. Hekk ġew deskritti fil-kuntratti fuq riferiti, u hija wkoll ħaġa magħrufa li huma kummerċjanti u li kienu kummerċjanti anki aliura. Għalhekk kull att tagħhom jitqies li hu att kummerċjali, meta mill-att stess ma jkunx jidher li ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ. Mill-att li bih il-konvenut akkwista l-"Kind Garages" bil-fuq imsemmija art magħhom, li għall-benefikati ta' fuqha tirriferixxi l-imsemmija ittra uffiċjali, ma jidherx illi dak l-att tal-konvenut ma kellux x'jaqsam mal-kummerċ tiegħu; għall-kuntrarju, l-istess att għamlu in konnessjoni mal-kummerċ li jeżerċita. Għalhekk dak l-att għandu jitqies kummerċjali (art. 7 Kodiċi tal-Kummerċ);

Illi jirriżulta wkoll "aliunde" li fil-fatt dak l-att tal-konvenut kien att kummerċjali, u wkoll li l-atturi kienu jafu li l-konvenut kien qiegħed jagħmel att kummerċjali, billi mix-xhieda tan-Neguzjant Spiro Mizzi, minn dik tan-nutar, u anki minn dik ta' l-attur in-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani, jirriżulta li kienu jafu illi, meta l-konvenut akkwista l-"Kind Garages", u kwindi l-art in kwistjoni, akkwistahom biex jittrasforma f'garage ieħor dak il-garage ("Kind Garages") li n-Negozjant Edward Vincenti Kind kien bena;

Illi huma ta' natura kummerċjali l-kwistjonijiet kollha dwar attijiet ta' kummerċ bejn kull xorta ta' persuni (art. 640(b) Kodiċi tal-Kummerċ), u l-kwistjonijiet ta' natura kummerċjali huma ta' kompetenza ta' din il-Qorti (art. 37(2) Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), u huma ta' kompetenza

ta' l-istess Qorti meta l-att ikun kummerċjali għall-konvenut biss (art. 37(3) Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), kif fil-każ preżenti;

Illi għalhekk l-ittra uffiċjali fuq riferita jmissha ġiet preżentata f'din il-Qorti, u mhux f'dik ċivili fejn ġiet fil-fatt preżentata, u għaldaqstant hija nulla, u għandha kwindi titqies bħal li kieku qatt ma ġiet spedita, appuntu għaliex maħruġa minn Qorti inkompetenti (art. 792(b) Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Illi xejn ma tiswa l-konsiderazzjoni sottomessa mill-atturi, li dak li l-partijiet riedu kienet l-interpellazzjoni, u li ġa ladarba dina b'xi mod saret, u, kif huma riedu, permezz ta' ittra uffiċjali, il-vot tagħhom ġie soddisfatt; u dan għaliex, l-ewwelnett, il-vot tagħhom ma jistax jingħad soddisfatt, billi, jekk huma riedu li ssir dik l-interpellazzjoni u ftehmu kif kellha ssir, jiġifieri b'att ġudizzjarju, dak l-att, anki jekk mhux att ġudizzjarju "in senso stretto", imma att ġudizzjarju "in senso lato", kellu jkun validu, jiġifieri kontenenti l-kondizzjonijiet u l-kwalitajiet kollha rikjesti mill-liġi għall-atti ġudizzjarji; u jekk l-att in parola ma kellux dawn il-kwalitajiet kollha, u kien għalhekk affett minn nullità espressament komminata mill-liġi fl-art. 792(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, għaliex il-liġi, meta kkomminat dik in-nullità, ma ddistingwietx bejn att ġudizzjarju fis-sens strett u bejn att ġudizzjarju f'sens lat, ma jistax jingħad li bih ġie soddisfatt il-vot tal-partijiet li meta riedu l-att riedu validu, u mhux null. Meta xi ħadd jikkontempla att ġudizzjarju — f'sens strett jew lat — ma jistax jikkontemplah ħlief bħala att validu; u jekk l-att ikun null, ma jista' jkollu ebda effett, ammenokkè l-istess leġislatur ma jirrikonoxxilux espressament xi effett, bħal, per eżempju, fil-każ ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni in korso b'att ġudizzjarju emananti minn Qorti inkompetenti (art. 2234 Kodiċi Ċivili). Il-fatt li f'din il-materja ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni l-leġislatur espressament stabbilixxa illi l-preskrizzjoni tinkiser xorta waħda anki jekk it-talba, il-protest, jew l-att ġudizzjarju li juri li l-kreditur irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni jkunu ġew preżentati quddiem qorti li mhix kompetenti, juri illi, kieku

ma ġiex stabbilit hekk, dik it-talba jew dak l-att, emananti minn Qorti inkompetenti, ma kienx ikollhom dak l-effett, appuntu għaliex nulli skond il-liġi ċitata, billi emananti minn Qorti inkompetenti;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda l-eċċezzjoni relativa għan-nullità ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju, 1954, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, u billi konsegwentement jiġu akkolti d-domandi attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-imsemmija ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju, 1954, ġiet milqugħa in bażi għad-dispożizzjoni ta' l-art. 792(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. B'din id-dispożizzjoni jinsab stabbilit li l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-atti ġudizzjarji tista' tingħata jekk l-att ikun maħruġ minn Qorti inkompetenti. Fil-każ taħt eżami dik l-ittra uffiċjali ġiet preżentata fir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina (fol. 16), mentri, għar-raġunijiet żvolti fis-sentenza appellata, messha ġiet preżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Kummerċ;

Ikkunsidrat;

Illi ma jidherx li hemm kwistjoni bejn il-kontendenti li l-operazzjoni, konsistenti fil-konċessjoni enfitewtika msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, kienet att kummerċjali għall-konċessjonarju Edward Vincent Kind, u ugwalment kummerċjali għall-konvenut Maurice Mizzi, aventi kawża minnu; tant li l-preżenti vertenza ġiet mill-atturi appellanti mressqa quddiem il-Qorti tal-Kummerċ. Għall-istess raġuni, anki l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju, 1954, (fol. 16) messha ġiet preżentata fir-Reġistru ta' dik il-Qorti, li hija, skond il-liġi, dik kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-materja. Ladarba ma sarx hekk, dik l-ittra uffiċjali hija nulla, għaliex maħruġa minn Qorti inkompetenti, skond id-dispożizzjoni tal-liġi fuq ċitata; u ma jistax ikollha ebda effett, billi "quod nullum est nullum producit effectum";

Ikkunsidrat;

Illi d-distinzjoni li ppruvaw jagħmlu l-appellanti, bejn atti ġudizzjarji "in senso lato" u atti ġudizzjarji " in senso stretto", ma tidherx bażata fil-liġi, li tikkontempla l-atti ġudizzjarji kollha mingħajr ebda distinzjoni, u tikkomprendhom kollha b'nullità jekk ma jkunux ġew maħruġin mill-Qorti kompetenti;

Il-fatt li att ġudizzjarju jiġi preżentat quddiem Qorti mhux biżżejjed biex jirradika l-kompetenza tagħha; għaliex dak l-att jissupponi, u ma jikkreax, il-kompetenza tal-Qorti li quddiemha jkun ġie preżentat;

Ikkunsidrat;

Illi l-argument mill-art. 2234 tal-Kodiċi Ċivili, riportat fis-sentenza appellata, jissuffraga t-teżi tal-konvenut [illegible] kontra l-pretensjoni ta' l-appellanti. Infatti, bid-dispożizzjoni ta' l-imsemmi artikolu 2234 jinsab dispost li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tavvera ruħha avvolja t-talba, il-protest jew att ġudizzjarju ieħor, ikunu nulli minħabba difett ta' forma, jew minħabba li jkunu ġew preżentati quddiem Qorti li mhix il-Qorti kompetenti. Dana juri illi l-liġi riedet tidderoga għal dik in-nullità fil-każ speċifiku hemm kontemplat, u li fil-każi l-oħra, kompriż dak in eżami, l-istess nullità għandha tibqa' seħħ skond il-liġi (art. 793(b) fuq ċitat);

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti ssottomettew ukoll li fi kwalunkwe każ l-Ewwel Qorti ma messhiex eskludiethom mid-domanda, imma messha lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. Anki dina s-sottomissjoni ta' l-appellanti mhix aċċettabbli; għaliex il-liberazzjoni tal-konvenut kienet dovuta għall-mankanza tal-kondizzjoni neċessarja biex tista' tiġi miġjuba [illegible] quddiem id-domanda tagħhom għax-xoljiment ta' l-enfiteusi [illegible] ċitazzjoni indikata; u ladarba kienet tonqos dik il-kondizzjoni għad-dekadenza m[illegible] id-domanda relativa kellha tiġi respinta;

Għar-raġunijiet [illegible] fuq miġjuba u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespingi [illegible] l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-atturi appellanti.